Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili Nru. 824/2012

**Middlesea Insurance PLC kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andre Tabone u l-istess Andre Tabone (ID 324855M)**

**vs**

**Creek Developments PLC (C 50531) u b'digriet tat-Tribunal datat 18 ta' Marzu, 2013 giet kjamata in kawza is-socjeta' 'Polidano Brothers Limited'.**

30 ta' Mejju 2017.

**Il-Qorti,**

Rat **l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' Middlesea Insurance PLC noe et tat-12 ta' Dicembru 2012** quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema gie premess illi: (i) ir-rikorrent Andre Tabone huwa proprjetarju ta' *motor yatch* li jgib l-isem *Ocean Pearl* irmiggjat gewwa *pontoon* numru zero (0), irmigg numru sitta (6) gewwa l-*yatch marina* tal-iMsida, li hija operata mis-socjeta' intimata Creek Developments plc, liema *motor yatch* huwa assikurat mas-socjeta' Middlesea Insurance plc; (ii) fit-tnax (12) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), impjegati tas-socjeta' ntimata jew xi nies imqabbda minnha nfurmaw lil diversi propjetarji ta' dghajjes irmiggjati gewwa l-yatch marina tal-iMsida li kellhom imexxu d-dghajjes taghhom lejn *pontoon* gdid, stante li kienu qieghdin jinbidlu l-pontoons; (iii) waqt dan il-process, gie nnutat mill-istess impjegati tas-socjeta' intimata li mhux id-dghajjes kollha gew irmiggjati skond l-angolu rikjest (*right angle*) mal-*pontoon* u bdew jiehdu passi sabiex jirrimedjaw din il-problema, fosthom dan il-*yatch* tar-rikorrent Andre Tabone; (iv) ir-rikorrent Andre Tabone kien mitlub mill-istess impjegati tas-socjeta' intimata jew nies imqabbda minnha sabiex jghinhom jiddrittaw il-yatch permezz tal-*bow thruster* waqt li huma jiddrittaw il-yatch sabiex jigi angolat *right angle* mal-*pontoon* permezz ta' habel; (v) waqt din il-manuvra izda, gara li l-*islack mooring rope* gie migbud lura mill-haddiema tas-socjeta' intimata jew nies imqabbda minnha, biss il-habel zejjed li ntrema minnhom fl-ilma ngibed mill-*bow thruster*, b'rizultat li gew ikkawzati danni estensivi lill-*Ocean Pearl*, inkluz ir-rimpjazzar tal-*gear box* tal-*bow thruster*, liema rimpjazzar kien jirrikjedi li l-yatch jittella' mill-ilma; (vi) kawza tad-danni sofferti mir-rikorrent Andre Tabone, huwa ntavola *insurance claim* mas-socjeta' attrici Middlesea Insurance plc, liema *insurance claim* fil-fatt giet accettat u mhallsa fl-intjier taghha, cioe is-somma ta' elf mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,226.88); (vii) ghal dawn id-

danni estensivi huma solitament responsabbli l-impjegati tas-socjeta' intimata, li b'imperizja u negligenza zammew l-*islack mooring rope* laxk wisq waqt il-manuvra fuq imsemmija, b'rizultat li l-*mooring rope* inqabad mal-*bow thruster propeller*; (viii) dawn id-danni estensivi kagunati jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,662.96), konsistenti fis-somma ta' elf mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,226.88), prezz tal-*insurance claim* kif fuq imsemmi, tliet mija u zewg ewro u tmien centezmi (€302.08) somma dovuta lis-*surveyor* u s-somma ta' elf, mija u erbgha u tletin ewro (€1,134) prezz tal-*policy excess* li r-rikorrent Andre Tabone kellu jhallas sabiex infethet l-*insurance claim*; (ix) minkejja diversi interpellazzjonijiet miz-zewg rikorrenti lis-socjeta' intimata sabiex din tal-ahhar tersaq ghal-hlas tas-somma fuq indikata, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi adotta l-procedura odjerna. Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal sabiex (a) jiddikjara lis-socjeta' intimata responsabbli ghad-danni sofferti miz-zewg rikorrenti kawza tal-imperizja u negligenza tal-haddiema tas-socjeta' intimata; (b) jillikwida s-somma dovuta mis-socjeta' intimata konsistenti fis-somma ta' elfejn, sitt mija u tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,662.96), oltre spejjez u interessi sad-data tal-pagament effettiv skond il-Ligi; (c) jikkundanna lis-socjeta' intimata ghall-pagament tas-somma hekk likwidata. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

Rat **ir-risposta tas-socjeta' ntimata Middlesea Insurance plc tat-12 ta' Frar 2013**[1] permezz ta' liema eccepiet illi (i) hija m'hijiex il-legittimu kontradittur stante illi x-xoghlijiet fil-marina kienu qeghdin isiru mis-socjeta' Polidano Brothers Ltd, u ghalhekk s-socjeta' intimata ghandha tigi liberata mill-osservazzjoni tal-gudizzji u m'ghandiex tbati ebda spejjez; (ii) it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex m'huwiex minnu li l-attur Andre Tabone gie mitlub mill-impjegati tas-socjeta' intimata biex jghinhom jiddrittaw il-yatch tieghu ghaliex ix-xogholijiet saru minn Polidano Brothers Ltd ad insaputa u minghajr awtorizzazzjoni tas-socjeta' intimata; (iii) kwalunkwe danni li gew ikkagunati lill-yatch ta' l-attur huma responsabilita' esklussiva ta' Polidano Brothers Ltd u mhux tas-socjeta' intimata; (iv) bla pregudizzju, l-ammont reklamat huwa esagerat.

Rat **ir-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza Polidano Brothers Ltd tat-3 ta' Mejju 2013**[2] permezz ta' liema eccepiet illi (i) t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi x-xoghol li wettqet is-socjeta' esponenti sar skond is-sengha u l-arti u skond il-ftehim, miftiehem u approvat mis-socjeta' intimata Creek Developments plc.; (ii) minghajr pregudizzju, is-socjeta' esponenti m'ghandiex twiegeb ghad-danni allegatament sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici stante illi tali hsarat huma imputabbli lil Andre Tabone nnifsu; (iii) l-obbligu kien fuq l-assikurat tas-socjeta' attrici illi jcaqlaq id-dghajsa tieghu, u jobdi d-direttivi ta' l-irmigg.

---

[1] Fol 19.
[2] Fol 28.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal tas-26 ta' Novembru 2014** li ddecieda -

> *"Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza Polidano Brothers, jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' Creek Developers u jikkundannhom ihallsu l-ammont ta' elfejn sitt mija tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,662.96) lil attur Middlesea Insurance u Andre Tabone.*
>
> *Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' Creek Developments.*
>
> *Pagament issir, elf mija u erbgha u tletin ewro (€1,134) u l-kumplament lis-socjeta Middlesea Insurance plc."*

Is-socjeta' ntimata Creek Developments plc appellat minn din is-sentenza. L-appellati Middlesea Insurance plc noe et ressqu twegiba bil-miktub[3]. Waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru 2016 dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravji.**

L-appellanti tilmenta li t-Tribunal wasal ghal konkluzjoni legalment zbaljata ghax mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali b'dana li d-drittijiet taghha gew pregudikati billi hemm kontradizzjoni evidenti bejn il-parti razzjonali u dik deciziva tas-sentenza.

L-ilmenti huma li:

i. L-interpretazzjoni tal-fatti moghtija mit-Tribunal hija zbaljata u ma tirrizultax mill-provi;

ii. Id-danni sofferti mill-attur ma sehhewx waqt li kien qed idahhal il-lanca f'postha izda meta din kienet diga' ntrabtet f'postha u kellha l-magni mitfijin;

iii. Ir-ragunament tat-Tribunal li s-socjeta' appellanti ma kienx imissha halliet xoghlijiet li ma sarux tajjeb jigu rrangati waqt li l-lanca kienet diehla fil-post huwa zbaljat ghax il-lanca kienet diga' marbuta fil-post meta saru x-xoghlijiet;

iv. It-Tribunal lanqas kellu jasal ghal konkluzjoni li s-socjeta' appellanti naqset fl-obbligu taghha ta' sorveljanza ta' xoghlijiet meta skont l-istess Tribunal, li kieku din is-sorveljanza saret sew ma kienx ikun hemm il-htiega li jsir l-aggustament waqt li l-lanca kienet fuq il-post bil-konsegwenza li saritilha hsara;

---

[3] Fol 14 et seq.

v. Is-socjeta' appellanti qatt ma tat struzzjonijiet lis-socjeta' Polidano Brothers biex taghmel aggustamenti finali bil-hbula bl-uzu tal-lanca tal-appellat Tabone u lanqas ma tat struzzjonijiet ohra lil dik l-istess socjeta' sabiex xi haddiem taghhom jitla' fuq id-dghajsa u jidderiegi lill-kaptan waqt li qed jigbed habel minn fuq l-istess lanca;

vi. It-Tribunal lanqas ma kellu jikkundanna lis-socjeta' appellanti u jezonera lill-appaltatur Polidano Brothers Ltd minn kull responsabilta'. Fil-fehma tas-socjeta' appellanti, t-Tribunal kellu jillibera lilha u minflok jikkundanna lis-socjeta' kjamata in kawza jew fl-aghar ipotezi kien imissu kkundanna s-socjeta' esponenti bid-dritt li din iddur fuq is-socjeta' Polidano ghal danni li tista' tigi kostretta thallas minhabba xoghol hazin imwettaq minnha. Izda f'dan il-kaz dan ir-rimedju m'huwiex applikabbli ghax is-socjeta' appellanti nkarigat appaltatur t'esperjenza;

vii. It-Tribunal injora x-xhieda tal-attur appellat meta qal li l-incident ma kellux x'jaqsam max-xoghol li sar biex titranga l-pozizzjoni tal-habel, fatt li juri li l-kawza tal-hsara kienet l-azzjoni tal-foreman ta' Polidano Brothers Ltd li, minghajr l-approvazzjoni tas-socjeta' appellanti iddecieda li jitla' abbord il-yacht, jigbed il-habel u jaghti struzzjonijiet lill-kaptan. Kien f'dan il-waqt li dan il-foreman waqqa' l-habel fil-bahar b'dana li dan thabbel fil-bow thruster tal-yacht. L-incident ghalhekk sehh tort unikament tal-foreman ta' Polidano Brothers Ltd;

viii. Id-decide tas-sentenza ma' taghmilx sens. Minkejja li ma kinux impjegati tas-socjeta' appellanti li ghamlu x-xoghol u lanqas kienu huma li talbu lil Tabone jghinhom jidritta l-yacht (ghax kienu ta' Polidano Brothers li ghamlu dan), it-Tribunal laqa' t-talbiet attrici kif ukoll laqa' in toto l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza. Din hi kontradizzjoni ghax wahda mill-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza hi proprju li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom. La l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza jitfghu il-htija fuq ir-rikorrenti appellati, u t-Tribunal laqa' dawk l-eccezzjonijiet, it-Tribunal ma kellux isib lis-socjeta' appellanti responsabbli ghall-akkadut;

ix. Is-socjeta' appellanti lmentat ukoll fir-rigward ta' uhud mill-ispejjez li taghhom ir-rikorrenti appellati talbu hlas taghhom.

Minn naha taghhom ir-rikorrenti appellati rribattew li:

i. Mill-provi hareg car li l-appellati sofrew danni rizultat tal-agir tas-socjetajiet intimati meta x-xoghlijiet li kienu qed jigu esegwiti ma gewx imwettqa skont l-arti u s-sengha u ntalbet l-ghajnuna tar-rikorrent appellat, f'liema process id-dghajsa tieghu garrbet hsarat;

ii. Waqt il-gbir tal-provi quddiem it-Tribunal l-ispejjez inkorsi biex issewwiet il-hsara gew spjegati u ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwarhom. Isegwi li kwistjonijiet li ma tqajmux fil-prim istanza ma jistghux jitqajmu fl-appell;

iii. Huma jirrimettu ruhhom dwar jekk is-socjeta' kjamata in kawza ghandhiex ukoll tinzamm responsabbli.

## Fatti.

Mill-atti jirrizulta li:

i. L-appellat Andre' Tabone, assigurat tas-socjeta attrici, hu sid ta' yacht bl-isem ta' Ocean Pearl, assikurat mas-socjeta' appellata Middlesea Insurance plc;

ii. Dan il-yacht jigi rmiggjat gewwa wiehed mill-*pontoons* tal-*yacht marina* tal-Imsida, liema *yacht marina* hija operata mis-socjeta' appellanti;

iii. Is-socjeta' appellata Polidano Brothers Ltd kienet giet inkarigata mis-socjeta' appellanti sabiex taghmel xi xoghlijiet ta' renovazzjoni gewwa l-marina;

iv. Fit-12 ta' Gunju 2012 s-sidien tal-*yachts* gew mitluba jcaqalqu d-dghajjes taghhom minn *pontoon* ghal iehor sabiex il-haddiema ta' Polidano jkomplu ghaddejjin bix-xoghol;

v. L-istruzzjonijiet biex jiccaqilqu dawn il-yachts inghataw mis-socjeta' appellanti minn certu George Mercieca, *Berthing Master* tal-istess socjeta'[4];

vi. Meta l-*yacht* iddahhal lura u ntrabat mal-*pontoon*, il-hbula taht l-ilma bdew jigbdu l-lanca mmejla lejn il-lemin;

vii. Bdew isiru manuvri biex jigi drittat il-*yacht* kemm bil-habel kif ukoll bil-*bow thruster* li Tabone kien intalab ihaddem sabiex jghin il-lanca tigi drittata;

viii. Kien proprju f'dan il-hin li sehh l-incident *de quo*. Dan meta l-habel zejjed mill-*islack mooring rope* gie mitfugh fil-bahar u ngibed mill-*bow thruster* bil-konsegwenza li dan gie dannegjat.

## Konsiderazzjoni

Fis-sustanza tieghu l-appell tas-socjeta' appellanti huwa wiehed intiz li jwassal ghal apprezzament mill-gdid tal-provi. Dan ghar-raguni li s-socjeta appellanti ssostni li t-Tribunal kien zbaljat kemm fl-interpretazzjoni ta' uhud mill-fatti, l-apprezzament tal-provi kif ukoll l-applikazzjoni tal-ligi ghall-kaz kienu zbaljati, b'dana li skont l-istess socjeta' appellanti l-konkluzjoni ahharija tat-Tribunal kienet wahda skorretta.

---

[4] Fol 81 – xhieda ta' Andre Tabone; u fol 76 - xhieda ta' George Mercieca.

Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel stadju sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi li ghandhom iwasslu ghal decizjoni differenti.

Bhala fatt huwa minnu kif qed jipprecizaw l-appellanti li l-incident sehh waqt li l-lanca tal-appellat Tabone kienet diga' ddahlet fil-post taghha fil-*pontoon* u mhux waqt li kienet ghadha diehla fil-post. Ix-xhieda citata mill-istess appellanti tikkonferma dan.

Andre Tabone xehed li *"Il-hsara li eventwalment sehhet, grat meta l-cabin cruiser tieghi intrabtet mal-pontoon*[5]*….."* In kontro-ezami huwa kompla jghid li *"d-dghajsa ma kinitx qed tinstaq meta gara l-accident. Kienet marbuta f'postha*[6]*…"*

George Mercieca ukoll ikkonferma li kien prezenti meta *"s-sid ta' Ocean Pearl rabat mal-pontoon*[7]*."*

Izda dan id-dettall ta' fatt *per se* ma jirrizultax li mpinga fuq il-kawza tal-incident u lanqas fuq ir-responsabilta' ghalih kif ser jinghad.

Stabbilit dan, il-Qorti tqis li sabiex jigu ndirizzati l-aggravji tas-socjeta' appellanti jehtieg jigi evalwat id-dinamika tal-incident u r-responsabilta' li ghandha tingarr ghalih.

i. <u>Dinamika tal-incident</u>

L-appellat **Andre' Tabone** xehed hekk[8]:

> *"Meta l-lanca dahlet gewwa l-pontoon, kienu tpoggew u tlestew il-hbula mill-art u minn taht l-ilma….Kien evidenti mill-pozizzjoni tal-lanca li l-hbula li kienu gejjin minn taht l-ilma li sibthom hemm meta dhalt bil-lanca kienu qieghdin jigbdu l-lanca mmejla lejn il-lemin starboard side.*
>
> *Prezenti meta ntrabtet kien hemm il-harbour master, George, kunjomu mhux maghruf, li sejjah lill-foreman tal-kuntrattur tal-pontoons li kien jismu Mark, kunjomu wkoll mhux maghruf, sabiex jippruvaw jirrangaw il-lanca tieghi meta din giet immejla…*
>
> *Gie deciz li jissejjah diver sabiex il-hbula li kienu jorbtu l-lanca mat-trott (Katina) taht il-bahar jitressqu f'posthom. Id-diver garr il-habel lejn il-portside billi hall il-habel minn mat-trott u rabtu aktar vicin mal-port lejn ix-xellug.*
>
> *Sadanittant Mark kien fuq il-lancia, fuq quddiem jigbed il-habel sabiex jidrittaha. Fil-frattemp izda kienet qamet naqra ziffa li kkrejat ftit rezistenza biex il-lanca timxi u ghalhekk Mark staqsieni, li nhaddem il-bow thruster tal-lanca biex nghin il-lanca tersaq lejn il-Port side. Nispjega li bow thruster huwa propeller li jintuza sabiex tigi kkontrollata l-parti ta' quddiem tal-lanca u jkun jinstab fuq quddiem lejn il-pruwa.*

---

[5] Affidavit a fol 37.
[6] Xhieda fol 81.
[7] Fol 76.
[8] Affidavit a fol 37.

> *Gara izda li Mark beda jigbed il-habel u jitfa' s-slack fil-bahar lejn id-direzzjoni tal-bokka tal-bow thruster b'rizultat li l-bow thruster gibed il-habel fil-bokka u l-habel wheel u tghaqqad mal-propeller tal-bow thruster. Mark dak il-hin izda kompla jigbed il-habel u l-lanca resqet f'postha. Eventwalment id-diver irnexxielu jnehhi l-habel li kien ingibed gewwa l-bokka tal-bow thruster li thabbel mal-propeller, biss il-bow thruster waqaf jahdem fis-sens li l-mutur kien jinstema' jdur izda l-propeller ma baqax idur u allura dan ma setax jibqa' jintuza."*

In kontro-ezami[9] spjega li meta rabat id-dghajsa mal-hbula li kien hemm diga' mal-*pontoon* u ra li din giet angolata 'l barra, kellem lil George Mercieca li min-naha tieghu sejjah lil Mark ta' Polidano Brothers Ltd (il-*foreman* responsabbli mix-xoghlijiet fuq il-*pontoon*). Huwa jkompli li, *"Dawn kif raw il-problema sejhu lid-divers sabiex jitrangaw il-hbula u l-problema titranga."* Ma rrizultax pero' l-ghaddasa minn min kienu mpjegati. L-appellat ikompli li l-incident *"gara fil-prezenza ta' George Mercieca….u baqa' hemm jara x'inhu jigri."*

Min-naha l-ohra **George Mercieca** xehed li bhala *berthing master* tas-socjeta' konvenuta huwa kien responsabbli li johrog id-dghajjes minn mal-pontoon sakemm isiru x-xoghlijiet ta' rinovazzjoni mis-socjeta' kjamata in kawza u wara jdahhalhom lura. Wara li gie nfurmat li l-*pontoon* kien lest, huwa ta struzzjonijiet biex jiddahhlu lura d-dghajjes. Il-yacht tal-appellat Tabone kien wiehed minn tal-ewwel li dahal lura. Peress li rrizulta li l-hbula ma kinux ninety degrees kif suppost, Mercieca ta struzzjonijiet lil ta' Polidano Brothers sabiex jitrangaw il-hbula. Fi kliemu stess xogholu kien li jara li x-xoghol isir sew. Huwa qal li x-xoghol kien jiccekjah izda taht il-bahar ma kienx jista' jarah u ghalhekk wara li jidhlu d-dghajjes kienu jinzlu l-ghaddasa biex jaghmlu l-aggustamenti mehtiega. Ix-xhud ma tax dettalji dwar l-incident innifsu.

**Haddiema tas-socjeta' Polidano Brothers Limited**[10] qalu li s-socjeta' appellanti kienet infurmat lis-sidien tal-lanec sabiex icaqalqu d-dghajjes minn *pontoon* ghall-iehor biex il-haddiema taghhom ikomplu ghaddejjin mix-xoghol. Huma jsemmu li l-appellat Tabone kellu diffikulta' biex jimmanuvra d-dghajsa tieghu, liema diffikulta' zdiedet minhabba li kienet gurnata bir-rih u kull darba li beda jipprova jipparkja beda jdur fuq genb minnhom. Huma jghidu li Tabone kien wahdu u f'xi mument xeghel il-*bow thruster* u nqabad il-habel fl-irmigg.

Esposti l-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti, l-istess bhat-Tribunal ma jistax jaghti kredibilita' lix-xhieda tas-socjeta' kjamata in kawza li evidentement semmew biss l-involviment tal-appellat Tabone meta kemm Tabone nnifsu kif ukoll George Mercieca kkonfermaw li Mercieca kif ukoll Mark il-*foreman* ta' Polidano Brothers mhux biss kienu prezenti izda kellhom rwol dirett fil-manuvrar tal-lanca biex tigi drittata.

---

[9] Fol 81 *et seq.*
[10] Affidavit ta' Gordon Polidano a fol 71 u ta' Joseph Caruana a fol 74.

Irrizulta nfatti mill-provi li l-operazzjoni biex tigi drittata d-dghajsa kienet qeghda tigi kordinata mill-*berth master* tas-socjeta' appellanti George Mercieca li sejjah lill-foreman tal-kuntrattur Polidano Brothers Ltd. L-appellat Tabone kien qieghed jagixxi skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu mir-rapprezentanti ta' dawn iz-zewg socjetajiet.

Ma hemmx dubju li l-incident *de quo* sehh meta l-habel zejjed tnizzel fl-ilma f'*area* wisq vicin il-*propeller* tal-*bow thruster* fil-parti ta' quddiem tal-lanca b'dana li l-istess habel ingibed mill-*bow thruster* u kkawzalu hsara konsiderevoli.

ii. <u>Responsabbilta'</u>

Il-qofol tal-kwistjoni hi dwar min ghandu jgorr ir-responsabilta' ghall-incident.

It-Tribunal ikkonkluda hekk -

> *"It-Tribunal ihoss illi r-responsabbli tas-sorvelja tax-xoghol li kienet f'idejn is-socjeta' konvenuta ma sarx sew. Li kieku sar sew ma kienx ikun hemm ghalfejn wiehed jaghmel l-aggustament waqt li l-lanca kienet fuq il-post. B'konsegwenza illi l-lanca garbet hsara.*
>
> *It-Tribunal huwa tal-fehma illi minkejja l-habel li kkawza l-hsara kien f'idejn impjegat tal-kumpanija Polidano Brothers madanakollu s-socjeta' Creek Developments kellha r-responsabilita' tax-xogholijiet, liema responsabilita' ma tistax tfarfara fuq is-socjeta' Polidano Brothers li mxew mal-istruzzjonijiet tal-kumpanija Creek Developers. Is-socjeta' Creek Developers fl-ebda mument ma allegat illi kien hemm xi struzzjonijiet li ma gewx obduti mill-kumpanija Polidano Brothers."*

Fil-fehma tal-Qorti l-appellanti ghandha ggorr responsabbilta' ghall-incident. Hija kienet inkarigata mis-sorveljanza tad-dhul tad-dghajjes lura mal-*pontoon* wara t-tlestija tax-xoghlijiet fuqu. Hija kellha ghalhekk tassikura li dan il-process kellu jigi kompletat minghajr diffikultajiet ghas-sidien tal-lanec involuti. Haga li ma saritx fil-konfront ta' Tabone, tant hu hekk li kellha tissejjah l-ghajnuna biex il-lanca titqieghed f'postha. Hu veru li x-xoghlijiet kienu saru mis-socjeta' kjamata in kawza izda kienet is-socjeta' appellanti li nkarigathom u kienet hi li kellha tizgura li x-xoghol sar kif suppost, u dan qabel taghti l-ordni biex jergghu jiddahhlu d-dghajjes fil-marina. Zgur ghalhekk li l-appellanti naqset fl-obbligu ta' sorveljanza u verifika qabel tat l-ordni.

In-nuqqas tas-socjeta' appellanti ma jieqafx hemm. Kienet l-appellanti stess li tramite George Mercieca inkarigat lil *foreman* tas-socjeta' kjamata in kawza biex jassisti fl-idrittar tal-lanca. Huwa minnu li ma rrizultax mill-provi li l-*Berth Master* tas-socjeta' appellanti ta xi struzzjonijet diretti biex il-habel zejjed tal-*islack mooring rope* jintefa l-bahar. Izda peress li l-istess *Berth Master* kien qed jissorvelja u jidderiegi l-operazzjoni kollha, kien qed jara x'qed jigri pass pass mill-vicin. Zgur ghalhekk li kien f'qaghda li jara l-habel zejjed kien qed jintefa' fl-ilma waqt il-manuvrar u li l-*propeller* tal-*bow thruster* kien qed

jithaddem. L-esperjenza tieghu kellha turih li dak il-habel fl-ilma vicin l-*area* fejn kien qed jahdem il-*propeller* tal-*bow thruster* seta' facilment iwassal ghal dak li effettivament gara u cioe' li l-habel jingibed mill-*propeller* bil-konsegwenzi kollha li jsegwu.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-argumenti tal-appellanti sabiex tipprova tiskolpa ruhha mir-responsabilta' taghha ma jistghux jintlaqghu.

Izda l-Qorti tqis gustifikat dik il-parti tal-aggravju tas-socjeta' appellanti fejn ilmentat mid-decizjoni tat-Tribunal fir-rigward tar-responsabilta' tas-socjeta' kjamata in kawza. Fil-fehma tal-Qorti s-socjeta' Polidano Brothers Limited ghandha twiegeb ukoll ghall-incident. Kien il-*foreman* taghha stess li b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni beda jitfa' l-habel zejjed fl-ilma u dan meta kien jaf, ghax kien hu stess li qal lil Tabone biex jixeghlu, li l-*bow thruster* kien qed jithaddem fl-istess zona vicin fejn kien qed iwaddab il-habel fl-ilma. Zgur ghalhekk li b'diligenza ordinarja ta' *bonus pater familias* dan l-incident seta' facilment gie evitat li kieku l-habel zejjed ma bediex jintefa' gol-ilma minn dan il-foreman. Ghal dan in-nuqqas ghandha tirrispondi wkoll is-socjeta' Polidano Brothers Limited.

Ir-responsabilta' ghandha tkun solidali ghax kien kawza tal-kumulu ta' nuqqasijiet ta' doveri kommessi mill-haddiema taz-zewg socjetajiet imsemmija li l-appellat Andre Tabone spicca jbati l-hsara fil-*bow thruster* tal-lanca tieghu.

Fir-rigward tal-aggravju tas-socjeta' appellanti dwar il-kontradizzjoni fid-*decide*, il-qorti ghandha ragun tghid li t-Tribunal ma setax l-ewwel ighid li jilqa' t-talbiet tal-atturi u fl-istess hin jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Polidano Brothers Limited li fit-tieni eccezzjoni kienet qeghda ssostni li l-hsara saret tort Andre Tabone. Madankollu dan l-aggravju jitlef ir-rilevanza tieghu meqjus li s-sentenza tat-Tribunal ser tigi riformata fis-sens li l-eccezzjonijiet ta' Polidano Brothers Limited ser jigu michuda.

Fl-ahharnett fir-rigward tal-ilment tas-socjeta' appellanti dwar il-hlasijiet mitluba mir-rikorrenti appellati quddiem it-Tribunal, il-Qorti tosserva li s-socjeta' appellanti kellha kull opportunita' quddiem it-Tribunal li tirribatti l-provi mressqa mill-istess appellati fir-rigward tal-ispejjez u hlasijiet in kwistjoni. Il-qorti tfakkar ukoll li proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'humiex regolati bil-principju tal-ahjar prova (artikolu 9(2)(b) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, Kap. 380). Quddiem it-Tribunal l-appellanti kellha kull opportunita li taghmel domandi dwar l-ispejjez. Pero' ma jirrizultax li ghamlet. Ghan-nuqqas taghha m'ghandhiex jedd tilmenta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti :**

**1. Tilqa' parzjalment l-appell tas-socjeta' appellanti limitatament u a tenur tal-artikolu 8(4) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta tirriforma s-sentenza tat-Tribunal kif gej:**

**i. Thassar dik il-parti tas-sentenza fejn intlaqghu l-eccezzjonijiet ta' Polidano Brothers Limited u minflok tichad l-eccezzjonijiet ta' Polidano Brothers Limited;**

**ii. Tikkundanna lis-socjeta' Creek Developers plc u Polidano Brothers Ltd ihallsu solidalment bejniethom l-ammont ta' elfejn sitt mija tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,662.96) lill-atturi Middlesea Insurance u Andre Tabone;**

**2. Ghal kumplament tichad l-appell.**

**3. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn is-socjeta' appellanti u s-socjeta' Polidano Brothers Limited.**

Anthony Ellul.